**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 282/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Robert Gregory)**

**vs**

**Michael Azzopardi ta' 54 sena, iben Joseph**
**u Maria nee Scerri, mwieled Hamrun**
**fl-24 ta' Jannar, 1948 u residenti**
**14, Triq Kammelja, Hamrun,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 166548 (M).**

**Illum 28 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Azzopardi li gie akkuzat talli fil-15 ta' Marzu, 2002 fis-6.30 ta' filghodu gewwa White Rocks Holiday Complex, Bahar ic-Caghaq, ttanta lil PS 500 John Giusti bhala ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impieg pubbliku, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal ta' flus jew f'xi utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd, u dan bi ksur ta' artikoli 120(2) ta' Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta,

U kif ukoll b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda

f'dawn l-ahhar gimghat, fl-istess lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' oggetti ghad-detriment tal-Ministeru tat-Turizmu, liema oggetti jiswew iktar minn hamsin lira (Lm50) izda inqas minn mitt lira (Lm 100), u dan bi ksur ta' Artikoli 268 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar fl-istess granet, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334 ta' Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, inoltre wiegeb li hu hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Ikkonsidrat

Illi in vista ta'  l-ammissjoni bikrija, il-Qorti bla ma trid tnehhi xejn mill-gravita' ta' l-akkuzi, mhux se tinfliggi fuqu piena karcerarja, pero' li tipprova tikkorrompi ufficjal Pubbliku, dan apparti s-serq, huwa fih innifsu reat serju u kontrarjament ghall-mod kif jista' jigi mpingi qisu ma gara xejn, wiehed jista' jimmina b'mod serju x-xoghol daqshekk delikat ta' ufficjali tal-Pulizija.  Tenut kont ta' dak premess, il-Qorti thoss li l-piena idonea ghandha tkun dik ta' liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Kap 152 artikolu 9, pero' ghal terminu ta' sentejn u dan minhabba l-gravita' tar-reati addebitati.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat is-sinifikat tal-liberta' kundizzjonata u l-obbligazzjonijiet tieghu taht l-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.